



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

2011/2275(INI)

24.7.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar it-28 rapport annwali dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-Liġi tal-UE
(2010)
(2011/2275(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Morten Messerschmidt

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li, mindu ħareġ dan ir-rapport, il-Parlament, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Istati Membri laħqu ftehim dwar il-ħruġ ta' dokumenti ta' spjegazzjoni li jistabbilixxu r-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali ('tabelli ta' korrelazzjoni'); jinnota li t-tliet istituzzjonijiet u l-Istati Membri qablu li jinkludu fid-direttivi premessa li tiddikjara li tabella ta' korrelazzjoni għandha tingħata mill-Istat Membru kkonċernat meta, f'każ partikolari, dan ikun meħtieġ u proporzjonat;
2. Ifakkar li, minkejja l-oppożizzjoni tal-Kunsill, għal aktar minn 10 snin, il-Parlament u l-Kummissjoni ppruvaw jinkludu fid-direttivi dispożizzjonijiet vinkolanti dwar it-tabelli ta' korrelazzjoni, li spiss ġew miċħuda mill-Kunsill, u jinnota l-ftehim milħuq;
3. Jenfasizza li t-tabelli ta' korrelazzjoni huma għodda ta' valur kbir biex jippermettu lill-Kummissjoni u lill-Parlament jissorveljaw it-traspożizzjoni u l-applikazzjoni korretta tal-liġi tal-Unjoni mill-Istati Membri, minħabba li r-relazzjoni bejn direttiva u d-dispożizzjonijiet nazzjonali korrispondenti spiss hija kkumplikata ħafna u xi kultant kważi impossibbli li tinstab;
4. Jilqa' l-implimentazzjoni tal-għodod għall-ġestjoni ta' każijiet relatati mal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE (CHAP u EU Pilot) u r-riżultati pożittivi li qed jipproduċu, u jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppahom u ttejjeb il-funzjonament tagħhom;
5. Jesprimi dispijaċir, madankollu, dwar in-numru enormi ta' każijiet ta' nuqqas ta' komunikazzjoni (470 pendent i fl-2010);
6. Jenfasizza l-importanza tat-trasparenza tal-proċeduri ta' ksur, mhux l-inqas fid-dawl tal-possibilità għall-Parlament li jissorvelja l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni; ifakkar f'dan il-kuntest li fil-Ftehim Qafas rivedut dwar ir-relazzjonijiet mal-Parlament, il-Kummissjoni timpenja ruħha biex 'tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Parlament informazzjoni fil-qosor dwar il-proċeduri kollha ta' ksur mill-ittra ta' tqegħid fil-mora, inkluż, jekk il-Parlament jitlob li jsir hekk, (...) dwar kwistjonijiet li tirrigwardahom il-proċedura ta' ksur' u jistenna li din il-klawżola tiġi applikata fil-prattika in bona fede;
7. Jindika li l-petizzjoni hija strument xieraq li għandu jintuża miċ-ċittadini, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-intrapriżi biex jirrapurtaw nuqqas ta' konformità mal-liġi tal-UE mill-awtoritajiet tal-Istati Membri f'livelli differenti; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, biex tissalvagwardja t-trasparenza tal-proċeduri ta' ksur li għaddejjin billi tinforma liċ-ċittadini fil-ħin u b'mod xieraq bl-azzjoni li ttieħdet b'rispons għat-talba tagħhom;
8. Jenfasizza l-importanza ta' Prattika amministrattiva tajba, anke fir-rigward ta' proċeduri ta' ksur u jsejjaħ għall-istabbiliment ta' 'kodiċi ta' proċedura' fil-forma ta' regolament bl-

Artikolu 298 TFUE bħala l-bażi legali tiegħu, li jistabbilixxi d-diversi aspetti tal-proċedura ta' ksur;

9. Ifakkar li n-nuqqas ta' osservanza tad-data ta' skadenza għat-traspożizzjoni ta' direttiva jikkostitwixxi ksur tat-Trattati, bħal kwalunkwe nuqqas ta' osservanza ta' dispożizzjonijiet sostantivi, u għandu jitqies u jiġi trattat kif xieraq; jilqa' f'dan ir-rigward il-possibbiltà li nħolqot mit-Trattat ta' Lisbona għal ħlas ta' somma f'daqqa jew ta' penali li jiġu imposti f'każijiet bħal dawn fuq l-Istat Membru kkonċernat flimkien mas-sentenza dwar il-ksur skont l-Artikolu 260(3) TFUE;
10. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tagħmel użu mill-istrument tal-Artikolu 260(3) TFUE bħala prinċipju f'każijiet ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kopert minn din id-dispożizzjoni, dwar it-traspożizzjoni ta' direttivi adottati taħt proċedura leġiżlattiva;
11. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni tuża numru kbir ta' għodod sabiex il-proċess tat-traspożizzjoni jsir aktar faċli (listi ta' kontroll tat-traspożizzjoni, manwali jew noti interpretattivi) u jhegġegħ lill-Kummissjoni biex issegwi aktar mill-qrib it-traspożizzjoni tad-direttivi qabel id-data ta' skadenza tat-traspożizzjoni, partikolarment meta jkunu kkonċernati l-Istati Membri 'b'rekord ħażin', sabiex tkun tista' tintervjeni malajr;
12. Jenfasizza li taħriġ legali Ewropew huwa strument ewlieni biex tkun żgurata l-applikazzjoni korretta tal-liġi tal-UE u jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tipprepara komunikazzjoni fuq dan is-suġġett;
13. Jiġbed l-attenzjoni lejn l-applikabbiltà diretta tad-dispożizzjonijiet ta' direttivi meta dawn ikunu preċiżi biżżejjed u mhux kondizzjonati ('effett dirett'), skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja;
14. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti preferenza għall-użu ta' regolamenti, kull meta jkun possibbli skont it-Trattati u l-prinċipju tas-sussidjarjetà;
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaġixxu b'mod konġunt u konsistenti biex tinstab soluzzjoni għall-problema ta' 'gold-plating';

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	12.7.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 18 -: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Andrew Henry William Brons, Carlo Casini, Andrew Duff, Ashley Fox, Roberto Gualtieri, Enrique Guerrero Salom, Gerald Häfner, Daniel Hannan, Stanimir Ilchev, Constance Le Grip, Morten Messerschmidt, Paulo Rangel, Algirdas Saudargas, József Szájer, Rafał Trzaskowski, Manfred Weber
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Elmar Brok, Zuzana Brzobohatá, Marietta Giannakou, Helmut Scholz, Alexandra Thein